Avviż Numru CCT 12/11-F

**Simon Dimech**

**vs**

**Thomas Smith Insurance Brokers Ltd.**

Illum 7 ta' Frar, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-14 ta' Frar, 2011 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' seba' mija u ħamsin ewro (€750) rappreżentanti biljetti ta' l-ajruplan li kellu jixtri u li skond hu kien assigurat għalihom.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti issottometta bil-miktub illi huwa kien xtara biljetti biex isiefer minn Spanja għal Tenerife u tilef il-flight. Xtara biljetti oħrajn u skond hu ħaseb li kien inxurjat peress illi ħallas il-polza ta' l-assikurazzjoni.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi l-polza ta' l-assikurazzjoni ma tkoprix dan it-tip ta' flight.

Ir-rikorrenti ivvjaġġa lejn Madrid sabiex jaqbdu flight għal Tenerife, pero' l-ajruplan wasal Madrid siegħa w nofs tard bil-konsegwenza li tilfu l-*connection.*

It-Tribunal qed jifhem illi t-talba tar-rikorrenti mhijiex talba ibbażata fuq il-polza ta' l-assikurazzjoni, imma hija talba kontra Thomas Smith Insurance Brokers talli għamillu bejgħ ħażin ta' prodott.

Ir-rikorrenti, meta ġie iffaċjat bid-dokumenti tas-soċjeta' intimata, juru l-parametri tal-kopertura assigurattiva u r-rikorrenti għażel il-'*Gold Cover*', li hija l-iżjed waħda kopertura estensiva.

Ir-rikorrenti qed jissottometti li meta rċieva l-ktieb iż-żgħir li jinkludi l-benefiċċji tal-polza, u l-irċevuta tal-pagament, ma kienx juri li ma kienx kopert għal din l-eventwalita'. Iżda wara li rċieva l-polza kien induna li ma kienx kopert u dan wara li ġie lura Malta, u għalhekk ma ngħatax informazzjoni korretta meta xtara l-polza.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

It-Tribunal qiegħed jifhem illi r-rikorrenti, meta xtara l-polza ta' l-assikurazzjoni, ingħata biss il-lista tal-benefiċċji u ma ngħatax il-polza *per se'* u għalhekk qabel ma telaq minn Malta ma kienx jaf li ma kienx kopert għal xi *missed departure*.

It-tribunal jinnota illi bejn konsumatur u f'dawn il-każi ta' l-assikurazzjoni hemm dak li jgħidulu relazzjoni ta' *good faith* u wieħed irid jafda lill-ieħor meta wieħed qed jinxurja ruħu. F'dan il-każ, it-Tribunal pero' jinnota illi huwa l-obligu tad-ditta assigurattiva jew il-broker li tassigura li twassal l-informazzjoni kollha lill-konsumatur dwar dak li qiegħed kopert jew mhux kopert u mhux tagħmel referenzi diretti jew in-diretti, u li ma jippreżentax kollox lill-konsumatur.

F'dan il-każ, it-Tribunal jinnota li d-ditta intimata naqset serjament li tagħti l-informazzjoni kollha lill-konsumatur.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' sitt mija u tlettax-il ewro (€613), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**